**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 170/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Susan Bugeja**

Illum 20 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra l-appellanta **Susan Bugeja**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 228468(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) talli nhar l-14 ta' Lulju 2013 minn ġewwa Jumbo's Bar li jinsab fi Triq Għajnsielem, Għajnsielem u fix-xhur ta' qabel, minn ġewwa diversi postijiet oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnha stess, ukoll jekk fi żmenijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u liema atti ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

[1] *A fol.* 25 *et seq.*.

1. forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga kokajina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellha liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 Għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u mingħajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja jew xorta oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 Għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xorta oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xorta oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkommettiet dawn ir-reati f'post, fi/jew ġewwa ċentru, u jew distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' post fejn jiltaqgħu żgħażagħ (skola) bi ksur tal-Ordinazzjoni dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħhom.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fl-4 ta' Ġunju 2019 fejn il-Qorti, wara li rat Regoli 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6 kif ukoll Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(1B) u l-proviso dwar id-distanza li jidher bħala t-tieni proviso taħt Artikolu 22(2)(b)(i)(ii) kollha tal-Kapitolu 101 kif ukoll Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha li ġew dedotti fil-konfront tagħha u kkundannatha għal sitt (6) snin priġunerija u ħamest elef Euro (€5,000) multa. *A tenur* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-

imputata tħallas l-ammont totali ta' elf, tliet mija u sitt Euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€1306.77) rappreżentanti spejjeż ta' esperti li ġew inkorsi fil-proċeduri. L-Ewwel Qorti ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga eżebita hekk kif is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi Proċess Verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandha tiġi nseriti fl-atti tal-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Finalment, l-Ewwel Qorti ordnat li isem, kunjom u n-numri tal-vetturi li kienu qegħdin jużaw ix-xhieda kollha li xehdu li xtraw id-droga mingħand l-imputata kull fejn dawn jirrikorru fis-sentenza tagħha ma kellhomx jiġu pubblikati f'xi mezz tax-xandir jew tal-istampa.

Rat ir-Rikors tal-appellanta ppreżentat fl-20 ta' Ġunju 2019 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

*"1. tirrevoka d-digriet tal-Ewwel Onorabbli Qorti tal-10 ta' Jannar 2018 u tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga; u fl-eventwalita' li dina t-talba ma tiġix milqugħa*

*2. tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellanta minn kull ħtija u piena;*

*3. b'mod sussidjarju, fl-eventwalita' li tikkonferma l-ħtija kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, li tibdel il-piena mposta, b'piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanta eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet li saru mill-konsulenti legali u li ġew ippreżentati minnhom meta dan l-appell kien qed jinstema' quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom l-ebda oġġezzjoni li l-appell jiġi mismugħ minn din il-Qorti kif preseduta u dana minkejja li l-Imħallef sedenti kien il-Maġistrat li beda jisma' l-kawża li eventwalment ma ġietx deċiża minnu. Fl-istess seduta, il-konsulenti legali ddikjaraw ukoll li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru kemm bil-fomm u kif ukoll bil-kitba quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta fir-Rikors tagħha, il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali u mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta ben ċar li l-appellanta kienet qiegħda tittraffika d-droga mill-Jumbo Bar f'Għajnsielem u li hija kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina. Dan kollu jirriżulta mix-xiehda li ġiet mogħtija mill-Pulizija li xehdu u li wettqu sorveljanza u kif ukoll mill-persuni li xtraw id-droga minn għand l-appellanta, fejn l-appellanta nqabdet tbiegħ id-droga. Jirriżulta li l-Pulizija sabu d-droga fuq il-persuna tan-nies li ġew innutati jieqfu fil-Jumbo Bar jew inkella fil-vetturi rispettivi tagħhom wara li ġew segwiti. Id-diversi persuni li kienu xtraw id-droga minn għand l-appellanta kkonfermaw li kienu qed jirrikorru għandha biex jixtru d-droga u li huma kienu jidħlu fil-bar, jgħaddu l-flus minn taħt il-bank tal-bar jew mill-ġenb u l-appellanta kienet tgħaddielhom id-droga. Kien hemm ċirkosanzi ukoll fejn l-appellanta kienet toħroġ barra fit-triq hija stess biex tgħaddi d-droga lill-klijenti tagħha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> mressaq mill-appellanta huwa dwar id-digriet (*a fol.* 509 *et seq.*) mogħti mill-Ewwel Qorti fl-10 ta' Jannar 2018 fejn ġiet miċħuda t-talba tagħha li l-Qorti tassumi l-

funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga. Tisħaq li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ċaħdet it-talba tagħha msemmija u dana peress li skont hi r-rekwiżiti kollha li jemerġu dwar it-talba minn Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta huma sodisfatti u li ma hemm xejn xi jxekkel lil din il-Qorti milli tassumi funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga. Hija taqsam dan l-aggravju fis-segwenti:

- fin-natura tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tagħha;
- dwar il-kwantita' tad-droga mertu tal-proċeduri;
- dwar id-dipendenza ppruvata tagħha fuq id-droga;
- dwar il-progress tagħha; u
- dwar esklużjonijiet mill-applikabilita' tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jibda billi jingħad illi Artikolu 8(9) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li m'għandu jkun hemm l-ebda dritt ta' appell minn deċiżjoni tal-Qorti li tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga jew li tiċħad talba sabiex tagħmel dan, jew minn xi deċiżjoni tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga. Minkejja dan, xejn ma jwaqqaf lill-persuna partikolari li tressaq it-talba tagħha fi stadju ta' appell.

Illi l-Qorti tinnota li minn dakinhar li ngħata d-digriet mill-Ewwel Qorti dwar it-talba tal-appellanta *ai fini* ta' Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta saru numru ta' emendi fil-Kapitolu msemmi, fosthom li permezz ta' Att XXXII tal-2018, il-kliem "gravi u medika" li kien hemm f'Artikolu 8(2)(a) ġew mħassara biex b'hekk il-kondizzjonijiet li issa għandhom jiġu sodisfatti skont is-sub-Artikolu msemmi sabiex Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga huma s-segwenti:

> "(a) li r-reat konra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużat hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvat fuq id-droga tal-akkużat;

> (b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;
>
> (ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga."

Illi permezz ta' Att XXXVI tal-2021 ġie mħassar dak li kien paragrafu (a) ta' Artikolu 13 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta liema Artikolu jitratta l-esklużjonijiet mill-applikabilita ta' dik il-liġi b'dan illi bl-Att imsemmi ġie mħassar dak il-paragrafu tal-mitt metru li l-appellanta ġiet akkużata bih fir-raba' imputazzjoni.

Illi meta din il-Qorti, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2023, ċaħdet it-talba tal-konsulent legali tal-appellanta sabiex il-Qorti tappunta espert tagħha *ai fini* ta' Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, apparti li l-Qorti ċaħdet din it-talba minħabba l-istadju matur tal-appell, skont kif jirriżulta mill-verbal tal-istess seduta (u dana minħabba li l-appell kien ilu jiġi mħolli għas-sentenza mis-seduta tad-29 ta' Novembru 2019 (*a fol.* 681 *et seq.*)), il-Qorti tinnota wkoll li ma kellhiex għalfejn tappunta espert tagħha peress li l-atti proċesswali jikkontjenu t-traskrizzjoni tad-depożizzjoni tax-xhieda u d-dokumenti li l-appellanta riedet tressaq quddiem l-Ewwel Qorti fir-rigward tat-talba tagħha dwar Qorti dwar id-Droga.

Illi l-Qorti xtarret u ħadet konjizzjoni tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u tas-sottomissjonijiet li saru quddiemha dwar it-talba tal-appellanta sabiex dik il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga u tinnota li l-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri (*a fol.* 448 *et seq.*) xehed li l-appellanta ġiet riferuta lilu lejn Mejju 2013 (ċioè ftit ġimgħat biss qabel hija tressqet il-Qorti fuq ir-reati mertu ta' dawn il-proċeduri). Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li meta l-Psikjatra Dr. Mark Xuereb xehed quddiem l-Ewwel Qorti fis-

seduta tal-24 ta' Ottubru 2017 (*a fol.* 457 *et seq.*), in kontro-eżami huwa qal li kien ra lill-appellanta bejn wieħed u ieħor sena u nofs qabel. Dan ifisser li huwa ra lill-appellant tlitt snin wara d-data tar-reati li hija ġiet akkużata bihom f'Lulju 2013!

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq u dak li jirriżulta mill-atti proċesswali, din il-Qorti (wara li ħadet konjizzjoni tal-emendi li saru f'Artikolu 8(2)(a) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta minn dakinhar li ngħata d-digriet mill-Ewwel Qorti dwar Qorti dwar id-Droga sallum, u mingħajr ma tidħol fil-kwistjoni tal-emendi li saru f'Artikolu 13 tal-Kapitolu msemmi) ttikkonkludi li ma jirriżultax pruvat li l-atti da parte tal-appellanta kienu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata tagħha fuq id-droga. Il-fatt li l-appellanta setgħet biegħet id-droga mill-ħanut li kienet tmexxi f'Għajnsielem lil numru ta' żgħażagħ ma għandux jitqies li huwa sostanzjalment attribwibbli għall-fatt li kienet dipendenti fuq id-droga.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad l-ewwel aggravju mressaq mill-appellanta.

**Ikkunsidrat**

Ili t-<u>tieni aggravju</u> mressaq mill-appellanta jirrigwarda l-aggravju tad-distanza tal-mitt metru fejn hija ssostni li l-Ewwel Qorti ma ddeċidietx il-każ kif trid il-liġi minhabba li mill-provi rriżulta li fil-post fejn isir it-tagħlim tal-Ingliż la jkun hemm żgħażagħ u wisq anqas tfal. Tilmenta wkoll dwar il-mod li bih ġiet ikkalkulata d-distanza.

Illi l-Qorti ser tibda dwar l-ilment tal-appellanta li bih ġiet ikkalkulata d-distanza. Huwa minnu li l-eżerċizzju li sar mill-Perit Angelo Portelli li ġie nkarigat mill-Ewwel Qorti sabiex ikejjel id-distanza mill-Jumbo Bar u d-dintorni, b'mod speċjali l-iskola tal-Ingliż li hemm fil-viċinanzi, seta' sar aħjar mill-Perit. Minkejja dan, il-Qorti tinnota li fid-depożizzjoni mogħtija minnu fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2016 (*a fol.* 419 *et seq.*), il-Perit Portelli qal li kejjel id-distanzi minn nofs l-iskola tal-Ingliż. Huwa ċar ħafna daqs il-

kristall dak li jirriżulta mid-depożizzjoni tiegħu fejn meta ġie mistoqsi mill-Ewwel Qorti kemm hemm distanza bejn il-Jumbo Bar fejn kienet l-appellanta u l-iskola tal-Ingliż, huwa wieġeb li hemm bejn għoxrin u tletin metru u mistoqsi mill-Ewwel Qorti jekk hemmx aktar, wieġeb: *"M'hemmx iżjed"* (*a fol.* 421). Huwa proprju għalhekk li l-Qorti aktar kmieni qalet li l-eżerċizzju tal-Perit Portelli seta' sar aħjar u dana sabiex il-Qorti ma jkollhiex distanza approssimattiva bejn post u ieħor pero' jkollha d-distanza eżatta. Minkejja dan, tenut kont tal-fatt li d-distanza li semma' l-Perit hija dik ta' bejn għoxrin u tletin metru li hija ferm u ferm anqas mill-mitt metru msemmi mil-liġi b'hekk il-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddubita li d-distanza li qal hu hija tajba u li b'hekk ġie ppruvat li l-iskola tal-Ingliż hija f'distanza ta' anqas mitt metru mill-bar fejn kienet l-appellanta. Għandu jingħad ukoll li anke persuna ta' intelliġenza normali jista' jagħmel differenza bejn għoxrin u tletin metru meta mqabbla ma' mitt metru, aħseb u ara Perit li r-rutella tal-qies hija parti essenzjali minn xogħlu u l-ħin kollu jieħu l-qisien!

Illi dak li jonqos li jiġi kkunsidrat fir-rigward tat-tieni aggravju tal-appellanta huwa li skont hi l-iskola tal-Ingliż in kwistjoni la tilqa' tfal u wisq anqas żgħażagħ iżda hija skola speċifikament għall-adulti. Hija tagħmel riferenza għal dak li xehdet Catherine Pace (*a fol.* 154 *et seq.*) li tiġġestixxi l-iskola fejn qalet: *"The school is for adults, not for children"* (*a fol.* 155).

Illi fir-Rikors tal-appell tagħha, l-appellanta tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Xuereb** (Numru 379/2008) mogħtija fid-9 ta' Ġunju 2009 fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Meta l-leġislatur ipprovda li r-reat ikun aggravat (fis-sens li l-piena tiżdied bi grad) jekk isir *"fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ…"* huwa kien qed jipprovdi għal

> kriterju oġġettiv u determinat biss mid-distanza[2] proprju għax il-postijiet imsemmija huma tali li lejhom jew qribhom tfal u żgħażagħ itendu li jiggravitaw indipendentement mill-ħin tal-ġurnata jew mill-jum tal-ġimgħa, u indipendentement minn jekk l-iskola, *club*, ċentru eċċ. ikunx dak il-ħin miftuħ jew magħluq."

Illi l-Qorti tabbraċċja dan l-insejament t'hawn fuq u tagħmlu tagħha. B'dan illi għandu jingħad li l-proviso tal-mitt metru jsemmi speċifikament "*skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ*". Fil-każ odjern jirriżulta li hemm skola tal-Inġliż.

Illi, apparti l-prova ta' skola, *club*, jew ċentru, kellha tinġieb prova wkoll li l-imsemmija stabbilimenti huma wkoll postijiet "*simili*" fejn "*normalment*" fejn jiltaqgħu ż-żgħażagħ.[3] Minkejja li Catherine Pace xehdet li l-iskola tal-Ingliż kienet għall-adulti u mhux għat-tfal, il-Qorti bl-ebda tiġbid ta' l-immaġinazzjoni ma tista' tgħid li "*ż-żgħażagħ*" li ssir riferenza għalihom fil-proviso in kwistjoni ma humiex adulti. Mhumiex tfal żgur, u fuq dan hemm qbil, pero' ż-żgħażagħ huma adulti!

Illi l-argument kien ikun differenti kieku fid-distanza tal-mitt metru kien hemm postijiet li fin-negozju ġestit minnhom m'hemm l-ebda somiljanza mal-ġestjoni ta' skola, *club* jew ċentru u dan kif irriżulta quddiem din il-Qorti diversament preseduta u li kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mohammed Kouruma** (Numru 223/2015) mogħtija minnha fl-24 ta' Settembru 2021.

B'hekk il-Qorti jirriżultalha li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li l-aggravju tal-mitt metru ġie sodisfatt u għaldaqstant it-tieni aggravju tal-appellanta qed ikun miċħud.

---

[2] Distanza li tiġi kalkolata f'linja dritta miċ-ċentru ta' kwalunkwe punt fiċ-ċirkonferenza – ara s-sentenza ta' din il-Qorti, kolleġġjalment komposta, tas-27 ta' Ottubru 1997 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Emmanuela Brincat**.

[3] **Il-Pulizija vs. Addie Magri** (Numru 302/2010) deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Jannar 2011.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tielet aggravju</u> huwa dwar il-piena fejn hawnhekk issir riferenza għar-riforma tal-appellanta, għat-trapass taż-żmien u għall-prinċipju ta' proporzjonalita' u l-piena. L-appellanta tisħaq li l-piż globali tas-sustanza mertu tal-proċeduri kienet ta' madwar sittax-il gramma b'purita ta' 18%[4] u li l-piena ta' sitt snin priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti hija altru milli waħda proporzjonali. Hija tagħmel riferenza għal numru ta' sentenzi u tirreferi għad-droga mertu tagħhom u għall-piena mogħtija. Da parte tagħha, il-Prosekuzzjoni tisħaq li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti hija fil-parametri tal-liġi u li paraguni ma' sentenzi oħra huma odjużi.

Illi filwaqt li l-Qorti taqbel mal-Prosekuzzjoni li l-paraguni ma' sentenzi oħra huma odjużi u dana minħabba li kull każ għandu l-fattispeċi tiegħu, fl-istess waqt ma hemm xejn ħażin li jiġu pparagunati s-sentenzi b'dan illi dan il-paragun għandu jittieħed b'ċerta kawtela ladarba jiġu aċċertati l-fatti li jirriżultaw fihom.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati

---

[4] Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha (*a fol.* 569 *et seq.*) ippreżentata quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellanta tasal għal sittax-il gramma b'dan il-mod: "*Għaldaqstant, skont ix-xhieda prodotti, fiż-żmien mertu ta' din il-kawża, l-esponenti tiġi li biegħet sebgħa u għoxrin (27) qartas u nstabu fil-ħanut sitt (6) iqratas. Illi kieku wieħed kellu jikkalkula illi skont l-espert tal-Qorti Godwin Sammut sitt iqratas kellhom piż totali ta' 2.76 grammi, tlieta u tletin (33) qartas, bħala medja, jiġu li jiżnu madwar 15.18 grammi b'purita' ta' madwar 18%.*"

> (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. […] Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena."

Illi l-Qorti tifhem li l-appellanta kienet għaddejja minn żmien mhux tajjeb minħabba ċirkostanzi familjari tagħha pero' dan waħdu ma jnaqqasx ir-responsabilita' tagħha u ma jiġġustifikax dak li għamlet. Xejn ma għandu jnessi li l-appellanta kienet qed tbiegħ sustanzi illeċiti lil żgħażagħ u oħrajn. Fl-istess waqt, din il-Qorti hija tal-fehma li apparti li għandu jittieħed in konsiderazzjoni l-ammont ta' droga nvolut u li l-appellanta tressqet il-Qorti fuq ir-reati addebitati lilha għaxar snin ilu u li minn dakinhar sallum il-fedina penali tagħha baqgħet waħda kompletament nadifa (u dana kif jidher minn Dok. "X" eżebiet mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti fis-seduta tas-6 ta' Frar 2023), għandu jittieħed ukoll in konsiderazzjoni dak li jirriżulta, fost l-oħrajn, mid-depożizzjoni mogħtija mill-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri (*a fol.* 448 *et seq.*), mill-Psikjatra Dr. Mark Xuereb (*a fol.* 457 *et seq.*) u mir-rapport redatt minnu (Dok. "MX 1" – *a fol.* 473 *et seq.*), kif ukoll dak li jirriżulta fis-*Social Inquiry Report* (Dok. "AB 1" – *a fol.* 524 *et seq.*) redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Anabel Bugeja.

Illi tenut kont ta' dan kollu l-Qorti qed tilqa' t-tielet aggravju u għalhekk ser tvarja l-piena nflitta fil-konfront tal-appellanta.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell *in parte* u għalhekk tgħaddi biex tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanta ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħha;

- tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti konċernanti l-piena ta' sitt (6) snin priġunerija u minflok tikkundanna lill-appellanta għal piena ta' sentejn priġunerija b'dan illi l-multa ta' ħamest elef Euro (€5,000) qed tiġi konfermata;

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**